MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 329/2012

**Saliba Bros Ltd (C2295)**

**vs**

**Marinelli Construzioni S.P.A. (0C537)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Vincent Saliba ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Saliba Bros Ltd (C2295) li wara li gie premess:

1. Illi s-socjeta` attrici bieghet u ikkonsenjat materjal ta’ kostruzzjoni lis-socjeta` intimata fuq inkarigu ta’ l-istess u dan ghal skop kummercjali;

2. Illi l-intimata ghandha bilanc pendenti ta’ hamsa u ghoxrin elf disa’ mija u sittax-il Euro u hamsa u tmenin centezmu (Ewro25,916.85) liema ammont huwa

dejn cert, likwidu u dovut u dan kif jidher mill-invoice annessa u mmarkata Dok SB01;

3. Illi minkejja diversi interpellanzi l-intimata baqghet ma hallsitx;

4. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Talbet lil din il-Qorti:

1. Tikkundanna u tordna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf disa’ mija u sittax-il Ewro u hamsa u tmenin centezmu (Ewro 25,916.85) rapprezentanti bejgh u kunsinna ta’ materjal ta’ kostruzzjoni, bl-imghax ulterjuri mid-data ta’ meta kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Marinelli Costruzioni S.P.A. li in forza taghha eccepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok, din il-kawza hija ntempestiva da parti tas-socjeta` attrici stante l-fatt li kif taf ben tajjeb is-socjeta`attrici, is-socjeta` attrici kienet tqabbdet bhala sub-kuntratturi fuq xoghol ta’ tenders li akkwistaw is-socjeta` konvenuta, liema xoghol ghadu lanqas ma huwa certified u awtorizzat mill-Contracting Authority u mill-Grand Harbour Regeneration PLC, sabiex Marinelli Costruzioni S.P.A. tghaddi l-pagament dovut lis-socjeta` attrici;

2. Illi kif dan jigi awtorizzat u ccertifikat mill-Contracting Authority (Dipartiment tal-Kuntratti) u mill-Grand Harbour Regeneration PLC, Marinelli Costruzioni S.P.A. ma ghandha ebda diffikulta` sabiex thallas lis-socjeta` attrici, pero` dan ix-xoghol ghadu kif sar recentement u sal-lum ghadu lanqas ma huwa ccertifikat u awtorizzat kif spjegat u kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza;

3. Illi ghalhekk certament, qeghdin jigu ghal kollox kontestati l-ispejjez ta’ din il-kawza u t-talba ta’ l-imghaxijiet stante l-fatt li dawn m’humiex dovuti;

4. Illi rigward s-sorte mitluba mis-socjeta` attrici, dan is-sorte huwa probabbilment korrett, pero` kif gia spjegat irid jigi awtorizzat (kif suppost ghandu jigi awtorizzat f’qasir zmien mill-Contracting Authority u mill-Grand Harbour Regeneration PLC) f’qasir zmien;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet lix-xhud Antoine Saliba viva voce.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2012 fejn id-difensur tas-socjeta` intimata ammetta li s-sorte mitlub mir-rikorrenti huwa dovut pero` l-istess socjeta` baqghet tikkontesta l-imghaxijiet mitluba mir-rikorrenti. Fl-istess seduta l-partijiet qablu li, fic-cirkostanzi, ir-rikorrenti m’humiex ser jinsistu fuq hlas ta’ imghaxijiet mid-data tal-invoices sal-prezentata tal-kawza.

Rad id-dokumenti.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza is-socjeta` rikorrenti qed titlob hlas ta’ materjal minnha fornit lill-intimata. L-intimata teccepixxi l-intempestivita tal-proceduri ghar-raguni li hija kienet qabbdet lil Saliba Brothers bhala sub contractors pero` x-xoghol ghadu ma giex certifikat. Huma jikkontestaw ukoll it-talba ghall-imghaxijiet.

Mill-provi jirrizulta illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet ma jiswewx. Id-dokumenti kollha juru li l-hlas li qed tippretendi s-socjeta` rikorrenti huwa ghall-materjal fornit lill-intimata. Ma jirrizulta minn ebda prova li sar xi forma ta’ “sub contractive bejn il-partijiet”.

Inoltre, Antoine Saliba, rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jixhed hekk: “Ahna ssupplixxejna materjal ta’

kostruzzjoni. Kull invoice tohrog b'terminu ta' 30 jum. Is-socjeta` intimata qed tikkontendi illi x-xoghol ma kienx gie certifikat mill-periti, ghandi nghid illi ahna ssupplixxejna materjal u mhux xoghol."

L-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimata jirrigwardaw imghax u spejjez.

Ghar-rigward tal-imghaxijiet din il-Qorti tirreferi ghall-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2012 fejn il-partijiet qablu li ma kienx hemm insistenza fuq hlas ta' imghax mid-data tal-invoices.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' Marinelli Costruzioni S.P.A., tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta` Saliba Bros Ltd u tikkundanna lil Marinelli Costruzioni S.P.A. thallasha s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija u sittax-il Ewro u hamsa u tmenin centezmu (Ewro 25,916.85), bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur u bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru relatat.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Marinelli Costruzioni S.P.A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------